Minuti tal-laqgħa numru tmienja u tletin (38) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju 2021 fis-6.30pm, fi 34, Triq Inguanez, ir-Rabat, Malta.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| SKUŻAT: | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |

38.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija** — Talba u apoloġiji

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, il-Viċi Sindku, il-kunsillieri u s-SE qalu t-talba flimkien. Is-SE informa lill-kunsillieri illi irċieva messaġġ fuq il-mobile mingħand is-Sur Rudolph Grima sabiex ikun skużat illejla. It-talba intlaqgħet unanimament.

38.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru sebgħa u tletin (37)** — Minuti

Minuti tas-seduta numru sebgħa u tletin (37) kienu mqassma mal-agenda biex il-kunsillieri setgħu jaqrawhom. Dawn kienu kkunsidrati kif inhuma u kienu unanimament approvati u ffirmati wara li kienu proposti mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mis-Sur Ian Vassallo.

**Punti mill-Minuti**

38.02.01 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi minkejja li għad fadal xi ftit xogħol xi jsir fuq iz-zuntier li għadu kemm kien pavimentat permezz ta' Infrastruttura Malta, qed nikkomunikaw mal-Peirt David Vassallo biex isiru l-puġġamani fit-taraġ taħt l-arkata. — Zuntier tal-Bażilika

38.02.02 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi dwar il-proġett maħsub għal quddiem il-Knisja tal-Baħrija, wara li kienet saret il-konsultazzjoni pubblika, tneħħew l-uffiċini/is-sala u anke wkoll il-*cafeteria* li ma kienux milqugħa mir-residenti. — Proġett tal-Baħrija

38.02.03 Dwar il-proġett tal-Pjazza tas-Saqqajja, il-Perit tal-Kunsill, issa applika mal-Awtorità tal-Ippjanar biex inkunu nistgħu nibdew. Is-Sindku ppropona illi dan is-sit ikun devolut biex il-KLR ikollu jedd fuqu u jieħu r-responsabbilità tiegħu. Il-kunsillieri qablu b'mod unanimu u se ssir it-talba. — Proġett tal-Pjazza tas-Saqqajja

38.02.04 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus żamm lill-KLR infurmat illi issa ġew devoluti l-*garages* ta' Għajn Qajjet u qed naħdmu fuq pjanti addattati biex kemm jista' jkun nimmassimizzaw l-ispazju fil-qalba tal-*Housing Estate* ta' Għajn Qajjet. — Garages ta' Għajn Qajjet

38.02.05 Permezz tal-proġett bl-isem GI Fluid qed naspiraw illi jkun rinovat il-ġnien f'Misraħ San Duminku billi kemm jista' jkun l-ilma jippenetra fil-pjan biex jintlaħaq l-iskop ta' dan il-proġett li fih aħna msieħba mal-Aġenzija għall-Ilma u l-Enerġija (EWA) u l-*Universita' degli studi di Catania.* — GiFluid

* Is-Sur Nazju Cassar daħal għal-laqgħa fis-7.10pm.

| | | |
|---|---|---|
| 38.02.06 | Proposta oħra tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li ser tkun qiegħda fuq l-agenda tal-EWA, hija dik ta' twaħħil ta' lampi solari fl-inħawi rurali tal-Fiddien u tas-Salib wara li kienet skartata dik tal-Landrijiet. Ir-raġuni għal dik tal-aħħar hija li l-Gvern Ċentrali diġà qed jinstalla dawk tradizzjonali u għalhekk m'hemmx lok li nintervjenu. Ovjament, it-twaħħil ta' lampi solari jġib miegħu sfida għaliex kif intqal waqt il-laqgħa, meta jkollok lejl itwal, fix-Xitwa, jkun hemm inqas raġġi tax-xemx u għaldaqstant hemm il-biża' li ma jilħqux jiċċarġjaw. | Lampi solari fejn m'hemmx linji tal-Korporazzjoni Enemalta. |
| 38.02.07 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi komplejna nwaħħlu aktar fanali dekorattivi mhux biss fi Triq Santa Rita, iżda wkoll fi Triq ir-Rebħa u Triq il-Karrijiet fost toroq oħra. | Fanali Dekorattivi |
| 38.02.08 | Dwar il-kumplament tax-xogħol fi Triq Santa Rita, il-KLR se jkompli jinsisti biex ikun iċċanġat bil-madum kemm ir-rampa tal-*wheel chairs* kif ukoll il-kwadru fejn fih hemm żewġ *cabinets* tal-*Go plc* fi Triq ir-Rebħa faċċata ta' kafeterija li tinsab fil-kantuniera. Dan ix-xogħol se jsir minn Catbros Ltd. | Xogħol fi Triq Santa Rita |
| 38.03 | **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 325 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 44**<br><br>Iċ-ċedola tal-pagamenti numru 325 u l-iskeda tax-xogħlijiet numru 44 kienu approvati unanimament. | Ċedola tal-Pagamenti |
| 37.04 | **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** | |
| 37.04.01 | Is-Sur Chris Farruiga staqsa jekk għadux għaddej il-proġett tal-mixehela tal-knejjes fir-Rabat. Is-Sindku qal illi diġa' irnexxielna nilluminaw uħud minnhom u għandna l-istimi / *renderings* f'idejna. L-aħħar żvilupp li kien hemm fuq il-kappella ta' Qasgħa fejn se jsir survey mill-Perita Melanie Spiteri anke minħabba ir-restawr tagħha. | Mixgħela tal-Knejjes |
| 37.04.02 | Is-Sra Doris Coleiro staqsiet x'sar mill-KLR dwar il-vettura li għandha l-blue sticker fi Triq San Franġisk li hija pparkjata lejl u nhar ma tiċċaqlaqx. Is-SE irrapporta dan kollu lis-CRPD u lill-Pulizija tal-Komunità. F'dan il-punt intqal illi l-KLR għandu jirrepeti l-eżerċizzju li kien sar u jaġġorna l-parkeġġi tad-*disabled persons* mas-CRPD/TM. | Vettura stazzjonata fi Triq San Franġisk bil-blue sticker |
| 37.04.03 | Is-Sur Ian Vassallo staqsa jekk hemmx permess għat-tabella li teżonera ż-żwiemel jgħaddu *wrong way* f'parti minn Triq San Pawl, eżattament quddiem il-każin tal-PL. Dwar dan se nivverifikaw fuq liema bażi saret it-tabella peress li ħafna xufiera qed isibu żiemel ġej għal wiċċhom minn kemm ilu li ingħalqet Triq Għeriexem biex isiru x-xogħlijiet minn Infrastruttura Malta. | Żwiemel għaddejjin kontra l-one-way |
| 38.05 | Il-Kunsill Lokali tar-Rabat jaqbel perfettament mal-proposta diġà mħejjija mill-uffiċċju bid-differenza illi l-isqaqien numru 1, 2 u 3 ikunu wkoll imsemmija għal Sqaq il-Marżepp, Sqaq in-Nixxiegħa u Sqaq l-Għadajjar. Dawn l-ismijiet se ngħadduhom lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq.<br><br>* Is-Sur Nazju Cassar ħareġ fis-7:40pm | Ismijiet għall-isqaqien f'Wied il-Qlejgħa |
| 38.06 | | Allottment Gardens |



Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

Dwar l-*allottment gardens*, is-Sur Ian Vassallo qal li jaħseb illi dik ir-roqgħa ħamrija fi Triq il-Kan G Gatt Said hija idejali peress li din hija fil-bini u fl-istess ħin viċin skola. Il-KLR se japplika għaliha biex il-proġett ikun suċċess daqs kemm kien dak addottat minn *Heritage Malta* fuq il-katakombi tad-Dejr.

38.07 Proposta għat-tpoġġija ta' bin għall-ġbir taż-żejt (tal-kċina) fejn ir-reċipjent tat-tessuti fi Triq Rudolph Saliba. — Niċċa ta' San Pawl

Is-SE esebixxa r-rapport lill-kunsillieri u dan qed jirrakkomanda lill-*Agius Stone Works.* Is-Sindku qal illi hu għandu d-dubju tiegħu jekk għandux il-kapaċità jlaħħaq ma' proġett ta' dan il-kobor peress li ħa ħafna ħin fuq ir-restawr tan-niċċa tal-Karmnu u issa għaddej bir-restawr tal-faċċata taċ-ċimiterju. Hu sostna illi kien sorpriż pero' bit-twettieq tal-bini bil-ħaġar tal-bażi tal-fanali ta' fuq iz-zuntier, fi ftit jiem u li ingħalaq propju ftit tal-ġimgħat ilu. Ir-rapport kien approvat b'vot unanimu u *Agius Stone Works* se jkunu rakkomandati ħalli jiskatta l-perjodu fejn xi *bidder* ieħor ikun jista' jagħmel appell.

38.08 — Bejjiegħa tal-Monti

Is-SE qal illi issa qed jintlaqgħu l-appelli lil dawk li ntbagħtilhom l-avviż għaliex ma nstabux armati fuq il-posti għal sitt-iħdut wara xulxin.

38.09 — Restawr tal-faċċati fi Triq il-Kbira

Il-KLR laqa' l-istedina tal-Ministeru tal-Ambjent fejn kienet magħżula Triq il-Kbira biex ir-residenti jibbenefikaw mill-iskema Irrestawra l-Faċċata u jieħdu massimu ta' €10,000.00 f'sussidju mill-Gvern. Minkejja li f'din it-triq hemm diversi ħwienet li ma jistgħux jibbenefikaw minnha, il-KLR se jikteb formalment lir-residenti li darhom hija saħansitra parti mill-Kunvent ta' San Mark biex jitħajru jinvestu fil-propjetà tagħhom.

38.10 Taħriġ fil-Computer fl-ECDL (on-line) mill-kumpanija TCTC — Kontrol tal-ħamiem selvaġġ

L-enfasi ta' din l-inizjattiva hija biex il-Kli jkunu mħeġġa joħorġu *bye-law* biex ħadd ma jagħlef lill-ħamiem. Din diġà għandna waħda bħalha u għaldaqstant se naraw kif nistgħu nakkwistaw minn dan l-għalf li jnaqqas il-fertilità tal-ħamiem selvaġġ li għadu problema fir-Rabat minkejja li naqas ħafna.

38.11 Proposta biex nissieħbu mal-kunsilli lokali tat-Tramuntana fl-offerta pubblika tal-Garden Waste mir-Reġjun Tramuntana — Feedback dwar il-Policy Document tal-Gvern Lokali

Peress li r-rapport hu wieħed estensiv, kien suġġerit illi l-kunsillieri jaqraw il-parti tad-dekasteru tagħhom u jekk hemm bżonn niktbu l-proposti tagħna f'dan is-sens.

38.12 — Tisħib mal-Community Police

Il-minuti tal-laqgħa mal-pulizija tal-Komunità kienu pprovduti mal-agenda. Dawn kienu approvati mill-KLR filwaqt li s-Sur Sandro Craus, is-Sindku, qal illi fil-21 ta' Ġunju, f'inizjattiva li nżammet konġunta mal-Pulizija tal-Komunità, it-tfal tal-5 u s-6 klassi tal-primarja kienu provduti b'baskett taċ-ċaruta u pinna. Din l-attività seħħet kemm fl-Iskola Primarja tar-Rabat, kif ukoll f'dik tal-Baħrija.

38.13 — Horse Stables

Is-SE informa lill-kunsillieri illi fis-smiegħ tal-appell, li nstemgħa fis-17 ta' Ġunju is-Sur Gera irtira l-iżvilupp ta' *hores stables* fil-Wied t'Għeriexem.

38.14 — Każ Cosmanna Navarra

Is-SE informa lill-kunsillieri illi kellu l-opportunità jakkumpanja lill-*Heritage Malta* fil-

viżita li għamlu fis-sit 5, Sqaq San Franġisk. Hu qal illi taħt dan is-sit hemm għar bħalma hemm taħt il-fond numru 7 fi Sqaq Cosmana Navarra li niżlu fih hu u s-Sur Rudolph Grima wara arranġament li sar ma persuna li toqgħod fil-fond. F'dan tal-aħħar niżel ukoll Fr Eugene Teuma li ta spjegazzjoni dettaljata ferm fil-preżenza wkoll tal-Junior Architect, is-Sur Johnathan Spiteri, mil-kamra tal-Perit Charles Buhagiar. Ir-rapport ta' din il-viżita' kien imħejji mis-SE.

**38.15** Pjattaforma bl-imwejjed u s-siġġijiet fi Triq in-Nigret

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ikkunsidra id-dettalji tal-proposta biex jinħarġu l-imwejjed u s-siġġijiet quddiem il-*Winehouse* fi Triq in-Nigret. Minkejja li aħna favur il-kummerċ u l-attivita' ekonomika sostenibbli, jibqa' l-fatt li dawn se jkunu fil-kantuniera fi triq li minnha jgħaddi t-trasport pubbliku. Għaldaqstant se noġġezzjonaw għaliex il-proposta se tkun ta' periklu għall-*pedestrians* u saħansitra wkoll għal dawk li jkunu qed jieklu u jixorbu.

38.16 Mazda double cab

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat iddeċieda illi l-Mazda Van se jkun reġistrat fuq is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, is-Sur Anthony Bonello**.**

38.17 **Uffiċjal tal-Komunità 'Steward' għat-trattament xieraq tal-annimali** Steward għall-ħarsien tal-annimali

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat se jkun qed jingaġġa dan l-uffiċjal konġuntalment ma' kunsilli oħra tal-viċin ħalli l-ispiża tinqasam skont il-kobor u l-ħin li jkun dedikat għat-trattament xieraq tal-annimali. S'issa l-proposta intlaqgħet mill-Kunsill Lokali tal-Imtarfa.

38.18 **Ingaġġ ta' Contracts, Community Works Manager, DLG Dir 2/2021** Community Works Manager

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat mhux se jidħol għal din l-inizjattiva in vista illi xogħol ta' sorveljanza fuq kuntratti diġa' qed jagħmlu l-*Contract Manager*. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-Kunsill illi se jidħol jagħmel xogħol ta' sorveljanza fuq il-kuntratti is-Sur Paul Grech li kien kunsillier u li l-paga tiegħu mhux se tkun qed toħroġ mill-Kunsill.

38.19 **Rapport Finanzjarju tal-Accountant għax-xahar ta' Ġunju 2021** Rapport Finanzjarju Ġunju

Is-SE qara ir-rapport li kien imħejji mill-Accountant. Għax-xahar ta' Ġunju, il-KLR għamel żbilanċ ta' €5,097.00. Ir-rapport kien approvat unanimament.

38.20 Punti Oħra

38.20.01 Is-Sra Doris Coleiro talbet sabiex il-bank li inqala' minn Triq ir-Rebħa, jerġa' jitwaħħal biex joqgħodu fuqhu n-nies biex iħarsu għal fuq Triq Santa Rita u Triq Emanuele Vitale. Bank fi Triq ir-Rebħa

38.20.02 Is-Sur Matthew Chetcuti talab lis-SE sabiex jirrispondi l-proposta li kienet magħmula minn *Malta Mind Sports Association* dwar *Mind Sports course*, permezz ta' e-mail. Din l-inizjattiva hija ta' organizzazzjoni volontarja li taħseb biex ttellà l-livell ta' *IQ* ta' individwi b'dawk li huma *strategic thinking skills*. Se naraw kif nistgħu nakkomodaw dan il-kors introduttorju fid-9 ta' Settembru bejn il-5.00pm u s-7.00pm. Proposta mill-Malta Mind Sports Association

38.20.03 Is-Sur Ian Vassallo qal illi daħlulu xi lmenti minħabba l-inizjattiva ta' tindif tal-fanali dekorattivi tal-Kunsill li saru tard wisq meta kienu diġa' mixgħulin. Hu qal illi nistgħu nagħżlu ħin aktar kmieni biex ħadd ma jkun għadu kif daħal f'soddtu u ma jkunx hemm problemi mal-ġirien. Dwar dan is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi se naraw jekk Tindif ta' fanali għoljin



Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

nistgħux nottjenu *fork lifter* u mhux noqgħodu nikru l-apparat ħalli niffrankaw il-flus. Se niċċekkjaw mal-*Bad Boys Cleaners* jekk għandhomx *scissors lifters* li jintużaw mingħajr makna u għaldaqstant niffrankaw liċenzji ecc.

38.20.04 Is-Sur Ian Vassallo qal li daħlulu lmenti meta nħaslet il-Pjazza tal-Parroċċa. Hu qal illi dan sar meta propju r-Rabat kien l-aktar frekwentat min-nies. Barra minn hekk, sar ukoll il-ħasil ta' *litter bins* quddiem l-għassa tal-pulizija u ħallewhom mal-art joqtru. Is-SE qal illi l-*Contract Manager* kien qalilna li se jsir il-ħasil tat-toroq u għaldaqstant se nikkorrispondi miegħu biex ma terġax tirrepeti ruħha din il-prassi u l-ħasil isir f'ħinijiet aktar kwieti matul il-ġurnata. Ħasil tal-Pjazza tal-Bażilika

38.20.05 Is-Sur Sandro Craus tkellem dwar il-problema tal-parkeġġi fi Triq Santa Rita fejn il-vetturi qed jipparkjawhom perpendikularment mal-kurduna tal-bankina. Hu qal illi hemm tliet għażliet: puġġaman, *wheel stoppers* u/jew tikber il-bankina. Il-KLR se jwaħħal *rubber stoppers* ħalli l-vetturi ma jkunux jistgħu jimblukkaw il-bankina u jkunu jistgħu jgħaddu persuni b'*wheelchairs*. Parkeġġi fi Triq Santa Rita

38.20.06 Is-Sur Ian Vassallo tkellem fuq il-kaxxi tal-parkeġġi fit-toroq li għadhom kemm kienu asfaltati minn Infrastruttura Malta: Triq San Trofimu, San Piju, San Aristarku ecc. Hu qal illi l-parkeġġi ma sarux kif kienu, iżda *b'dotted line*. Hu qal illi se jinħela l-parkeġġ għaliex xorta waħda qed jipparkjaw ħażin. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi dawn se jerġgħu jinżebgħu kif kienu oriġinalment. Parkeġġi minn Infrastruttura Malta

38.20.07 Il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti faħħar l-inizjattiva illi fi Triq ir-Rebħa twaħħlu l-fanali dekorattivi l-ġodda. Hu qal illi madanakollu kif taqbeż ir-residenza partikulari, ftit 'l isfel, xorta waħda hemm id-dlam. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi se napplikaw għal bozza oħra ħalli nkunu kkonkludejna b'mod tajjeb l-eżerċizzju tal-illuminazzjoni b'fanali dekorattivi. Fanali dekorattivi

38.20.08 Għal darb'oħra kien konfermat illi f'Jum ir-Rabat 2021 mhux se jkunu ortganizzati attivitajiet minħabba l-imxija tal-Covid 19. Jum ir-Rabat 2021

38.20.09 Is-Sur Chris Farrugia talab illi jkun hemm tisqija aktar ta' spiss fl-inħawi tal-Ġnien ta' Misraħ San Duminku u fiz-zona tal-Virtù minħabba s-sħana qawwija li qed tagħmel biex il-pjanti ma jinxfux. Hu talab biex isiru żewġ *planters* fi Triq il-Buskett qabel ma titla' għal Triq Carlo Fiamingo fuq bankina eżistenti li hija wiesgħa biżżejjed. Tal-Virtù u Misraħ San Duminku

38.20.10 Is-Sur Chris Farruiga talab sabiex ikun hemm konformità fis-sinjali fl-inħawi tal-Għajn tan-Nigret għax qal li għad fadal xi tabelli temporanji fil-post wara li issas tlesta l-proġett tal-gandott tal-ilma li mill-inħawi tal-*Għajn* iwassal għall-Imtarfa. Dawn se jkunu qed jaġġornaw ruħhom. Tabelli ħżiena

38.20.11 Is-Sur Ian Vassallo talab li tkun ostakolata plot żgħira li tinsab fl-appartamenti ta' Għeriexem biswit post għaliex qed jidħlu jipparkjaw fiha billi jitilgħu fuq il-bankina. Hawn se ssir bollard ħalli ħadd ma jitla' l-bankina. Plot li qed jipparkjaw fiha fil-HE t'Għeriexem

38.20.12 Is-Sur Ian Vassallo talab sabiex il-KLR isib post pubbliku bħalma huma l-ġonna pubbliċi fejn fihom jista' jsiru korsijiet bħall-*pilates* ecc. Is-Sur Sandro Craus, is-Sindku qal illi post Covid 19, qed nistennew baraxx ta' talbiet għall-per eżempju l-eżerċizzi fiżiċi u l-KLR irid ikollu l-kapaċita' li jlaħħaq magħhom. Hu qal illi hemm bżonn illi nsaħħu l-kumitati tal-Kunsill. Korsijiet li jistgħu jinżammu fil-beraħ

38.20.13 Is-Sra Doris Coleiro qalet illi irrappurtawlha illi intefa' xi konkos fuq ħajt fil-Lawrenti kif ukoll il-fatt illi minn mindu saret it-triq mill-ġdid, qed jgħaddu diversi vetturi bi Konkos f'Lawrenti

speed eċċessiv.

38.20.14 Is-Sur Sandro Craus informa lill-KLR illi l-post ta part-time office cleaner hu vakanti. Hu talab lill-kunsillieri isibu lil xi ħadd tal-fiduċja. Part Time Office Cleaner

38.21 **Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss.** Aġġornament

Iż-żewġ laqgħat li jmiss tal-Kunsill Lokali tar-Rabat se jsiru nhar 28 ta' Lulju u 2 ta' Settembru fis-6.00pm u din il-laqgħa ntemmet fit-8.55pm.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 28 ta' Lulju, 2021 minn Sandro Craus
Segretarju Eżekuttiv Sindku